# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

Frar 2017
Nru. 216


# Festa tal-Epifanija għand il-Klarissi



Il-Provinċja Franġiskana flimkien mal-Klarissi ċċelebraw il-Festa tal-Epifanija fil-Monasteru tal-Klarissi f'San Ġiljan, nhar l-Ġimgħa 6 ta' Jannar. Il-quddiesa kienet iċċelebrata mil-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech, OFM fil-preżenza ta' diversi patrijiet.

Fl-omelija tiegħu huwa tkellem fuq it-tfittxija għal Alla. Huwa semma kif Marija u Ġużeppi pruvaw isibu post fil-lukanda imma ma sabux, ma kienx hemm post għalihom. Huwa kompla billi jagħmel riferenza li anke fiż-żminijiet li qed ngħixu f'ħafna istituzjonijiet, ma hemmx post għal Alla. Dan jiġri għaliex ħafna drabi rridu naraw u huwa semma kwotazjoni li tgħid hekk: "*divinity is found where you least expect it*" hu hekk Ġesù ħafna drabi rridu nfittxuh fejn l-inqas hu ovvju għal bniedem.

Imbagħad il-patrijiet flimkiem mas-Sorijiet inġabru għal riċeviment fl-okkażjoni tal-festa.





## Ilek ma tieħu Stessu?

Għax il-Malti huwa lsien ħaj, minn żmien għal żmien jidħol kliem ġdid, jew imnissel minn ilsna oħra, jew inkella huma frott l-immaġinazzjoni fertili ta' x'uħud! U waqt li qiegħed nikteb bħalissa għandi f'moħħi l-kelma "STESSU" li għal min ma jafx bl-Ingliż tfisser "SELFIE" – dak ir-ritratt li wieħed jieħu lilu nnifsu permezz tal-*mobile phone* tiegħu – għalhekk STESSU. Imma peress li l-id ta' kull wieħed u waħda minna ma tantx twassal il-bogħod, xi ħadd ivvinta s-"SELFIE STICK". Qażba teleskopika li permezz tagħha il-*mobile phone* ikun aktar imbiegħed u allura il-perspettiva, il-wisa' u l-fond ta' wara l-persuna li tkun qed tieħu STESSU jkunu akbar. Ma nafx jekk diġa ivvintawx xi kelma għal din is-*selfie stick*? Kif tista' tkun tradotta bil-Malti tgħid? "QASBA TAL-ISTESSU"?

Hi x'inhi ċertament dan m'hux l-iskop għaliex qiegħed nikteb dan l-artiklu 'llum. Imma nixtieq nagħmel lilna lkoll konxji ta' fatt importanti ħafna. Meta nħarsu lejna nfusna, lejn ħajjitna, lejn is-sejħa tagħna (inkunu qisna qegħdin nieħdu STESSU), jista' jingħata l-każ li nkunu qegħdin nagħmlu dan minn perspettiva tant dejqa li ma nintebħux li biex nifhmu sewwa is-sinifikat u l-iskop tagħna nfusna, ta' ħajjitna u tas-sejħa tagħna, jeħtieġ li ngħamlu dan fil-kuntest aktar wiesgħa tal-Knisja u tas-soċjeta

*ikompli f'paġna 2*

minn paġna 1



li fiha aħna, ngħixu u naħdmu. Anzi nazzarda ngħid li ghandha tkun ħafna aktar wiesgħa minn hekk. Irridu nieħdu kollox fil-kuntest tal-ETERNITA'! Jekk ma nagħmlux hekk inkunu nixbħu lil dak iż-żiemel jew dak il-bagħal li jkollhom kappestru ma għajnejhom, *blinkers* ngħidulhom bl-Ingliż, li jillimitaw il-viżjoni biex wieħed jara biss dak li jkun jidher quddiemu u ma jħalluhx jara viżjoni aktar wiesgħa. Dak ifisser li min ikun qiegħed jagħmel hekk ikun tassew moħħu magħluq, jew kif ngħidu bl-Ingliż *narrow minded*!

Hawnhekk tidħol weħidha l-mistoqsija li għamilt fil-bidu ta' dan l-artiklu bħala titlu. Ilek ma tieħu STESSU? Le mhux xi wieħed li wara ittellgħu fuq *Facebook* kif ormaj issa ħafna qegħdin jagħmlu għal kull ħaġa ta' xejn! Imma wieħed li kapaċi jinfed fil-moħħ, fir-ruħ u fil-qalb tal-istess eżistenza tagħna, li jurina ċar ir-raġuni, l-iskop ta' ħajjitna u tas-sejħa tagħna f'kuntest aktar wiesgħa u sħiħ. Meta wieħed jitkellem minn "il-ħajja **tiegħi**" jew "is-sejħa **tiegħi**" ikun mingħajr ma jaf u jintebaħ, qiegħed imur kontra l-ewwel kmandament u għalhekk ikun ħati ta' idolatrija mingħajr ma jaf! Għax ngħiduha kif inhi, aħna ma għandna **xejn** tagħna, la l-ħajja, la l-vokazzjoni u lanqas lilna nfusna. **Kollox imma huwa ta' Alla waħdu!** Hija suppervja fina anke meta nagħmlu tagħna, b'pussess sħiħ u totali xi oġġett jew xi uffiċċju li jkollna. Allura kulma nagħmlu la jkun għall-akbar glorja t'Alla u lanqas iservi ta' ġid għal dawk ta' madwarna. Ara x'tort inkunu qegħdin nagħmlu lil Alla! Ejja għalhekk, minn żmien għal żmien nibdew nieħdu dan l-iSTESSU biex ma nkunux qegħdin nitħabtu għal xejn. Il-Mulej jagħtikom is-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

## Definitorju Provinċjali - 10 ta' Jannar

Id-Definitorju Provinċjali ltaqgħa għall-ewwel darba din is-sena nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar, ġewwa l-kunvent tagħna tar-Rabat. Għal din il-laqgħa l-membri kollha kienu preżenti. Wara t-talba tal-bidu inqraw il-minuti tal-aħħar laqgħa li kienet saret u ġew approvati unanimament.

L-ewwel ma kien hemm fuq l-aġenda kienet feedback lil dawk preżenti fuq is-saħħa ta' numru ta' patrijiet speċjalment dawk fosthom li kellhom jew li kien ser ikollhom jagħmlu xi żmien rikoverati l-isptar Mater Dei u/jew Karen Grech. Din l-amministrazzjoni tagħti l-ewwel u l-akbar importanza lil aħwa u l-bżonnijiet tagħhom, kif wara kollox għandu jkun.

Wara P. Marcellino Micallef OFM għadda biex jagħti informazzjoni dwar fejn wasslu l-preparamenti għaċ-ċelebrazzjoni tal-Kapitlu Provinċjali li jmiss. Fi ftit ġimgħat oħra infatti ser jintbgħatu l-karti tal-vot għall-istraw ballot tal-għażla tal-membri l-ġodda tad-Definitorju Provinċjali li jintgħażlu waqt il-Kapitlu Provinċjali. Il-Ministru Provinċjal informa wkoll lil dawk preżenti li kien ser jitlob lil ħuna P. Walter Vassallo OFM sabiex jipprepara lista ta' dawk li għandhom vuċi attiva u passiva, liema lista tkun inkluża fid-dokumentazzjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-istess Kapitlu Provinċjali.

Ħaġa oħra importanti li ġiet diskussa kienet il-Jiem tal-Formazzjoni Permanenti u tal-Irtiri tas-sena. Il-Ministru Provinċjal huwa tal-fehma li minn din is-sena l-aħwa kollha għandhom jagħżlu li jieħdu sehem f'wieħed miż-żewġ irtiri li jiġu organizzati kull sena mill-Provinċja għal-aħwa. L-ewwel nett għax huwa żmien utli u importanti ħafna ta' fraternita' fuq livell Provinċjali, kif ukoll peress li ma jkunx jagħmlilna ġieħ jekk wara li inkunu ġibna predikatur, ikunu ftit dawk l-aħwa li jieħdu sehem. Raġuni oħra hija għax hemm numru ta' aħwa li 'lhom snin ma jagħmlu irtir tas-sena. Għaldaqstant il-Ministru Provinċjal ser jitlob lil Gwardjani

ikompli f'paġna 2

### Frar
## Appuntamenti

**1** ta' Frar, Kunċert minn Fra Alessandro fil-Knisja ta' San Franġisk, Ħamrun fis-7.30pm.

**24** ta' Frar, Definitorju Provinċjali, Rabat.

**Birthdays - Frar**

07. P. Alfred Tabone
14. Mons. Sylvester Magro
14. P. Joseph Ciappara
27. P. Pawl Galea

**Festi - Frar**

07. P. Richard Grech Stanley
10. P. Pawl Galea
10. P. Paul Attard

# Fra Alessandro b'Kunċert fil-Knisja tagħna tal-Ħamrun




Se jkun Fra Alessandro Brustenghi, hekk imsejjaħ il-"vuċi ta' Assisi ", il-protagonista ta' kunċert uniku li se jsir l-Erbgħa 1 ta' Frar fis-7.30pm fil-Knisja ta' San Franġisk il-Ħamrun. Hija lejla mimlija bl-ikbar opri interpretati ta' Fra Alessandro fosthom: Ave Maria, Vergine tutto amor, Panis Angelicus, Candido fior di frumento, Camminate nella carita', Madonna de claritate, Santo Francesco u Make me a channel of your peace.

Fra Alessandro Brustenghi, hu mwieled f'Perugia l-Italja fl-1978, fl-età ta' 21 huwa ddeċieda li jidħol fl-Ordni tal-Patrijiet Minuri. F'din il-familja Franġiskana xi snin ilu, f'Settembru 2009, huwa għamel il-Professjoni Solenni tiegħu fil-Bażilika papali ta' Santa Maria degli Angeli, fil-Porziuncola. Il-passjoni għall-mużika u l-kant ippermettew lil Fra Alessandro biex janima l-liturġija ċċelebrat f'diversi kunventi li hu għex sa issa kif ukoll dar diversi bliet madwar d-dinja jagħti kunċerti fejn għalhekk kiseb fama internazzjonali.

Fis-serata se tkun ukoll bis-sehem tal-organista Richard Caruana u l-arpista Jacob Portelli.

## ...mid-Definitorju

minn paġna 1

u lis-Superjuri Lokali sabiex jaraw minn kmieni li l-aħwa tal-fraternitajiet tagħhom jinqassmu ħalli l-ħidma fil-fraternitajiet tkun tista' tkompli mingħajr xkiel. Minn din is-sena wkoll it-team tal-Vokazzjonijiet ser jibda' janima l-irtiri flimkien ma' P. Stephen Sciberras OFM biex l-irtiri tas-sena ikunu organizzati aħjar u jħallu l-ġid mixtieq. Jekk imbagħad ikun hemm min ikun irid jagħmel xorta waħda esperjenza differenti ta' irtir kemm Malta kif ukoll barra xorta jkun jista' jagħmel dan, basta jkun ħa sehem f'wieħed mill-irtiri li l-Provinċja tkun qed torganizza. Ġie deċiż ukoll li l-irtiri tas-sena organizzati mill-Provinċja jibdew isiru f'Novembru u f'Jannar. Iktar tagħrif jingħata aktar il-quddiem.

Laqgħa oħra tad-Definitorju Provinċjali ser issir nhar l-24 ta' Frar 2017 ġewwa l-kunvent tagħna tar-Rabat.

# Laqgħa ta' Formazzjoni Permanenti

Nhar l-Erbgħa 25 ta' Jannar, Festa tal-Provinċja u Festa tal-Konverzjoni ta' San Pawl, il-Provinċja iltaqgħet għal nofs ta' nhar ta' formazzjoni Permanenti. It-tema ta' din il-laqgħa kienet: "Il-Popolazzjoni umana: "X'wassal għaż-żjieda qawwija fil-popolazzoni tal-bniedem u l-impatt tagħha. Hemm biżżejjed għal kulħadd?"

L-aħwa iltaqgħu fid-9.30am fid-dar tal-Irtiri Porziuncola għal mument ta' talb u wara żewġ laqgħat dwar il-proġett tal-Carbon Footprint tal-Fraternitajiet u oħra dwar il-kunċett bażiku tad-dinamiżmu tal-Popolazzjoni.

Il-laqgħa spiċċat fin-12.30pm billi kilna flimkien fir-restaurant tal-istess dar "Da Francesco"







## L-akkumpanjament u d-dixxerniment vokazzjonali





Bejn it-30 ta' Jannar u t-3 ta' Frar P. Walter u P. Ramon ser immorru Assisi ghat-tieni sessjoni tal-kors fuq il-Pastorali żgħażagħ (Master in Pastorale Giovanile).

Dan huwa kors organizzat mill-Provinċja Serafica tal-Patrijiet Minuri f'Assisi. Fihom qegħdin jgħaqqdu t-tagħlim dwar l-evanġelizzazzjoni ġdida u l-akkompanjament vokazzjonali mal-40 sena ta' esperjenza tas-Servizio Orientamento Giovani (SOG). Skond P. Walter u P. Ramon il-granet ikunu intensivi ħafna iżda permezz ta' dan il-kors qed jiksbu *insights* tajbin ħafna u sbieħ fuq l-animazzjoni u l-akkumpanjament vokazzjonali. Minbarra patrijiet il-*lectures* qegħdin jingħataw ukoll minn persuni li għandhom esperjenza twila fil-qasam tal-pastorali żgħażagħ jew tal-animazzjoni vokazzjonali.

Il-kors huwa maqsum fi 3 ġimgħat, imqassma matul is-sena skolastika. L-ewwel sessjoni kienet dwar l-ewwel tħabbira (*Primo Annuncio*) u sar bejn il-21-25 ta' Novembru 2016. It-tieni sessjoni ser tkun fuq il-proposta vokazzjonali (*Annuncio vocazionale*) bejn it-30 ta' Jannar u t-3 ta' Frar. L-aħħar sessjoni imbaghad ser issir bejn it-12-16 ta' Ġunju li ser titratta l-akkumpanjament u d-dixxerniment vokazzjonali (*L'accompagnamento e il discernimento vocazionale*). Ix-xeħta tal-kors hija waħda prattika.

F'dawn ir-ritratti naraw lil P. Walter u P. Ramon flimkien ma Francesco Piloni. Fir-ritratt l-ieħor P. Francesco Piloni, P. Pietro Marini u P. Giuanluca Iacomino li qegħhdin jikkoordinaw dan il-kors.

## Enerġija alternattiva fil-Kunvent ta' Għawdex





B'xewqa ta' energija aktar nadifa l-Fraternita' ta' Għawdex għadha kif lestiet l-istallazzjoni ta' sett ta' 36 *Photovoltaic Panels li jiġġeneraw 10.8 Kw* għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika.

Dawn ġew installati fuq il-bejt tal-Kunvent u jakkumpanjaw it-tlett *Solar Water Heaters* li ġew installati fil-passat biex tintuża l-enerġija solari kemm għal misħun, u issa anke għad-dawl.

Tkompla l-programm tal-manutenzjoni tal-Kunvent bit-tibjid tar-refettorju, tas-Sagristija, tal-*Common Room* u waħda mill-kmamar tal-ospiti. Dan wara li s-sena li għaddiet ġie mbajjad il-Kuridur ta' fuq, il-Kappella u l-*washroom* u tbiddlu żewġ aperturi.

Saret tiswija estensiva anke fuq il-*membrane* tal-bjut tal-kunvent u taċ-ċentru.

**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*